# PROTOKOLLI DWAR IT-TWAQQIF TA' SKEJJEL EWROPEJ B'RIFERIMENT GĦALL-ISTATUT TA' L-ISKOLA EWROPEA

## WERREJ

1. Protokoll tat-13 ta' April 1962 dwar it-twaqqif ta' l-Iskejjel Ewropej b'riferiment għall-Istatut ta' l-Iskola Ewropea, iffirmat fil-Lussemburgu fit-12 ta' April 1957.

2. Protokoll Supplementari għall-Protokoll dwar it-Twaqqif ta' l-Iskejjel Ewropej

3. Protokoll dwar l-applikazzjoni provizorja tal-Protokoll Supplementari għall-Protokoll tat-13 ta' April 1962 dwar it-Twaqqif ta' l-Iskejjel Ewropej.

# PROTOKOLLI DWAR IT-TWAQQIF TA' SKEJJEL EWROPEJ B'RIFERIMENT GĦALL-ISTATUT TA' L-ISKOLA EWROPEA

## ĠENERALI

1. Il-Protokoll dwar it-twaqqif ta' l-Iskejjel Ewropej kien iffirmat fil-Lussemburgu fit-13 ta' April 1962. Kien ratifikat mis-sitt Stati Membri.

   Kien ippublikat fid-dokument numru 84-D-68 fil-5 ta' Settembru 1984.

   L-Irlanda u r-Renju Unit aċċedew għall-Protokoll dwar it-twaqqif ta' l-Iskejjel Ewropej b'effett mill-1 ta' Settembru 1972.

   Id-Danimarka aċċediet għall-Protokoll dwar it-twaqqif ta' l-Iskejjel Ewropej b'effett mill-1 ta' Settembru 1973.

   Il-Greċja aċċediet għall-Protokoll dwar it-twaqqif ta' l-Iskejjel Ewropej b'effett mill-1 ta' Settembru 1980.

   Spanja aċċediet għall-Protokoll dwar it-Twaqqif ta' l-Iskejjel Ewropej b'effett mill-1 ta' Settembru 1986.

   Il-Portugall acceda għall-Protokoll dwar it-Twaqqif ta' l-Iskejjel Ewropej b'effett mill-1 ta' Settembru 1987.

2. Il-Protokoll Supplementari kien iffirmat fil-Lussemburgu fit13 ta' April 1962.

# 1. PROTOKOLL TAT-13 TA’ APRIL 1962 DWAR IT-TWAQQIF TA’ L-ISKEJJEL EWROPEJ B’RIFERIMENT GĦAll-ISTATUT TA’ L-ISKOLA EWROPEA FFIRMAT FIL-LUSSEMBURGU FIT-12 TA’ APRIL 1975.

Il-Gvernijiet

TAR-RENJU TAL-BELĠJU

TAL-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA

TAR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA

TAR-REPUBBLIKA TALJANA

TAL-GRANDUKAT TAL-LUSSEMBURGU

TAR-RENJU TAL-PAJJIŻI BAXXI

irrappreżentati kif xieraq minn:

Il-Baruni François de SELYS-LONGCHAMPS, Ambaxxatur Straordinarju tal-Belġju u Plenipotenzjarju tal-Lussemburgu;

Is-sur Bernd MUMM von SCHWARZENSTEIN, Ambaxxatur Straordinarju tal-Ġermanja u Plenipotenzjarju tal-Lussemburgu;

Is-sur Edouard-Félix GUYON, Ambaxxatur Straordinarju ta’ Franza u Plenipotenzjarju tal-Lussemburgu;

Is-sur Giorgio BOMBASSEI FRASCANI de VETTOR, Ambaxxatur Straordinarju ta’ l-Italja u Plenipotenzjarju tal-Lussemburgu;

Is-sur Eugène SCHAUS, Ministru ta’ l-Affarijiet Barranin tal-Grandukat tal-Lussemburgu u s-sur Emile SCHAUS, Ministru ta’ l-Edukazzjoni tal-Grandukat tal-Lussemburgu;

Jonkheer Otto REUCHLIN, Ambaxxatur Straordinarju tal-Pajjiżi Baxxi u Plenipotenzjarju tal-Lussemburgu.

WARA LI KKUNSIDRAW l-Istatut ta' l-Iskola Ewropea, ffirmat fil-Lussemburgu fit-12 ta' April 1957, u l-Anness ta' l-Istatut ta' l-Iskola Ewropea li jippreskrivi Regolamenti għall-Lawrija Ewropea fl-Arti, iffirmat fil-Lussemburgu fil-15 ta' Lulju 1957;

huma u jikkunsidraw is-suċċess ta' dan l-esperiment bl-edukazzjoni u l-istruzzjoni flimkien ta' tfal ta' nazzjonalità differenti, fuq bażi ta' kurrikulu komuni;

huma u jikkunsidraw l-interess kulturali li għandhom l-Istati li qed jieħdu sehem li jwessgħu l-bażi ta' xi ħaġa li daħlu għaliha fi spirtu ta' kooperazzjoni li bih huma mimlija;

huma u jikkunsidraw li ta' min ittenni l-esperiment ta' l-Iskola Ewropea f'imkejjen oħra;

QABLU U DDEĊIDEW kif ġej:

**Artikolu 1** Għall-edukazzjoni u l-istruzzjoni flimkien tat-tfal ta' l-impjegati tal-Komunitajiet Ewropej, istituzzjonijiet li jġibu l-isem ta' "Skejjel Ewropej" jistgħu jitwaqqfu fit-territorju tal-Partijiet Kontraenti.

Tfal oħra, hi liema hi n-nazzjonalità tagħhom, jistgħu wkoll jiġu aċċettati fihom.

Dawn l-istituzzjonijiet għandhom, bi tħaris ta' l-artikoli li ġejjin, jkunu regolati mid-dispożizzjonijiet ta' l-Istatut ta' l-Iskola Ewropea, iffirmat fil-Lussemburgu, fit-12 ta' April 1957, u tar-Regolamenti għall-Lawrija Ewropea fl-Arti, iffirmat fil-Lussemburgu fil-15 ta' Lulju 1957.

**Artikolu 2** Il-Bord ta' Gvernaturi għandu jiddeċiedi unanimament dwar it-twaqqif ta' Skejjel Ewropejġodda u għandu jiddetermina fejn iqegħedhom.

**Artikolu 3** Is-setgħat li l-Istatut ta' l-Iskola Ewropea jagħti lill-Bord ta' Gvernaturi, lill-Bord ta' Spetturi u lir-Rappreżentant tal-Bord ta' Gvernaturi – il-President tal-Bord Amministrattiv – għandhom jingħataw lil kull Skola skond l-Artikolu 1.

Kull Skola għandu jkollha personalità legali għaliha skond l-Artikolu 6 ta' l-Istatut ta' l-Skola Ewropea.

Kull Skola għandu jkollha l-Bord Amministrattiv tagħha u l-Kap tagħha.

**Artikolu 4** Il-Bord ta' Gvernaturi jista' jasal f'kull ftehim li jirrigwarda l-istituzzjonijiet mwaqqfa b'dan il-mod ma' l-Komunitajiet Ewropej u ma' kull għaqda jew istituzzjoni intergovernattiva li, minħabba l-post li fih jinsabu, jkunu nteressati fit-tħaddim ta' dawn l-istituzzjonijiet.

Għandu mbagħad ikollhom siġġu u vot fuq il-Bord ta' Gvernaturi dwar dak kollu li huwa marbut ma' l-istituzzjoni msemmija u siġġu fuq il-Bord Amministrattiv ta' l-istituzzjoni.

Kull deċiżjoni meħuda minn maġġoranza kwalifikata skond l-Artikolu 10 ta' l-Istatut ta' l-Iskola Ewropea għandha, iżda, tgħodd jekk ikollha l-approvazzjoni ta' żewg terzi tar-rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti.

Id-deċiżjonijiet kollha li huma marbuta ma' l-iffinanzjar ta' xi istituzzjoni għandhom jittieħdu unanimament mill-Partijiet rappreżentati fuq il-Bord ta' Gvernaturi.

**Artikolu 5** Il-Bord ta' Gvernaturi jista' wkoll jasal għal ftehim ma' għaqdiet jew istituzzjonijiet regolati mill-liġi privata li huma, minħabba fejn jinsabu, interessati fit-tħaddim ta' xi Skola Ewropea mwaqqfa bi tħaris ta' dan il-Protokoll.

Il-Bord ta' Gvernaturi jista' jagħtihom siġġu fuq il-Bord Amministrattiv ta' l-istituzzjoni msemmija.

**Artikolu 6** Is-sena finanzjarja ta' kull Skola għandha taqbel mas-sena kalendarja.

**Artikolu 7** F'affarijiet li għandhom x'jaqsmu man-nefqa, b'deroga mill-Artikolu 13 ta' l-Istatut ta' l-Iskola Ewropea, il-Bord ta' Gvernaturi għandu japprova l-abbozz tan-nefqa u l-kontijiet, sa fejn jinteressawh, u jittrasmettihom lill-awtoritajiet xierqa tal-Komunitajiet Ewropej.

**Artikolu 8** Il-Gvern ta' kull pajjiż li fih tinsab xi Skola, skond l-Artikolu 2 hawn fuq, għandu l-jedd li jagħmel riżervi, kif hemm provdut fl-Artikolu 29 ta' l-Istatut ta' l-Iskola Ewropea.

**Artikolu 9** Dan il-Protokoll jeħtieġ ratifika. L-għodda tar-ratifika għandhom jiġu depożitati mal-Gvern tal-Lussemburgu, bħala depożitarju ta' l-Istatut ta' l-Iskola Ewropea. Dan il-Gvern għandu jgħarraf l-gvernijiet firmatarji l-oħra kollha b'dan id-depożitu.

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fil-jum li fih ir-raba' għodda ta' ratifika tiġi depożitata.

Dan il-Protokoll, mħejji f'verżjoni waħda oriġinali fl-ilsien Olandiż, Franċiż, Ġermaniż u Taljan, l-erba' verżjonijiet awtentiċi indaqs, għandu jiġi depożitat fl-arkivji tal-Gvern tal-Lussemburgu, li tiegħu għandu jittrasmetti kopja ċertifikata lil kull waħda mill-Partijiet Kontraenti.

# 2 PROTOKOLL SUPPLEMENTARI GĦALL-PROTOKOLL DWAR IT-TWAQQIF TA' L-ISKEJJEL EWROPEJ

**b'riferiment għall-Protokoll iffirmat fil-Lussemburgu fit-13 ta' April 1962**

Il-Gvernijiet

TAR-RENJU TAL-BELĠJU

TAR-RENJU TAD-DANIMARKA

TAR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA

TAR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA

TA' L-IRLANDA

TAR-REPUBBLIKA TALJANA

TAL-GRANDUKAT TAL-LUSSEMBURGU

TAR-RENJU TAL-PAJJIŻI BAXXI

TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRETTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ

irrappreżentati kif xieraq minn:

Is-sur J.DESCHAMPS, Ambaxxatur tal-Belġju fil-Lussemburgu;

Is-sur K.V.SKJØDT, Direttur, Uffiċċju Daniż tad-Digrieti;

Is-sur Peter HERMES, Segretarju ta' l-Istat, Ministeru Federali ta' l-Affarijiet Barranin;

Is-sur Emile CAZIMAJOU, Ministru Plenipotenzjarju, Deputat Rappreżentant Permanenti;

Is-sur John BRUTON, Segretarju Parlamentari, Ministeru ta' l-Industrija u Kummerċ;

Is-sur Mr F.CATTANEI, Segretarju ta' l-Istat, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin;

Is-sur Marcel MART, Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi, Ditti żgħar u Negozjanti u Turiżmu;

Is-sur Th.M.HAZEKAMP, Segretarju ta' l-Istat, Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi;

Lord GORONWY-ROBERTS, Deputat Segretarju ta' l-Istat għall-Affarijiet Barranin u tal-*Commonwealth*, Deputat Mexxej tal-*House of Lords*;

WARA LI KKUNSIDRAW l-Istatut ta' l-Iskola Ewropea, iffirmat fil-Lussemburgu fit-12 ta'April 1957, u l-Anness għall-Istatut ta' l-Iskola Ewropea li jippreskrivi r-Regolamenti għal-Lawrija Ewropea fl-Arti, iffirmat fil-Lussemburgu fil-15 ta' Lulju 1957;

WARA LI KKUNSIDRAW il-Protokoll dwar it-twaqqif ta' l-Iskejjel Ewropej, iffirmat fil-Lussemburgu fit-13 ta' April 1962,

BILLI ta' min wieħed jestendi l-imsemmi Protokoll għall-Għaqda Ewropea tad-Digriet, imwaqqfa mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Digriet fil-5 ta' Ottubru 1973,

FTIEHMU kif ġej:

**Artikolu 1** Minkejja l-Artikolu 1, paragrafu 1 tal-Protokoll tat-13 ta' April 1962 dwar it-twaqqif ta' l-Iskejjel Ewropej, Skola Ewropea tista' titwaqqaf f'Munich għall-edukazzjoni u t-taħriġ flimkien tat-tfal ta' l-impjegati ta' l-Uffiċċju Ewropew tad-Digriet.
Tfal oħra li huma ċittadini ta' xi Stat Membru tal-Komunità Ekonomika Ewropea jew ta' xi parti Statali tal-konvenzjoni Ewropea tad-Digriet jiġu wkoll aċċettati skond regoli li jridu jitħaddnu unanimament mill-Bord ta' Gvernaturi ta' l-Iskejjel Ewropej.

**Artikolu 2** L-Uffiċċju Ewropew tad-Digriet għandu jkollu siġġu u vot fuq il-Bord ta' Gvernaturi dwar l-affarijiet kollha marbuta ma' l-istituzzjoni mwaqqfa bi tħaris ta' l-Artikolu 1 u siġġu fuq il-Bord Amministrattiv ta' l-istituzzjoni.

**Artikolu 3** B'deroga mill-Artikolu 26 ta' l-Istatut, in-nefqa ta' l-istituzzjoni mwaqqfa bi tħaris ta' l-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll Supplementari għandha tkun iffinanzjata b'mod li jrid jiġi preskritt fi ftehim li jrid jintlaħaq skond l-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar it-Twaqqif ta' l-Iskejjel Ewropej. Il-Bord ta' Gvernaturi għandu jiżgura li dan il-ftehim jkun fih dispożizzjonijiet għall-iffinanzjar ta' l-istituzzjoni, b'mod partikolari mill-Uffiċċju Ewropew tad-Digriet.

**Artikolu 4** B'deroga ta' l-Artikolu 7 tal-Protokoll dwar it-twaqqif ta' l-Iskejjel Ewropej, l-abbozz tan-nefqa u l-kontijiet tad-dħul u infiq ta' l-istituzzjoni mwaqqfa bi tħaris ta' l-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll Supplemenatri għandhom jiġu trasmessi lill-Uffiċju Ewropew tad-Digriet.

**Artikolu 5** Dan il-Protokoll supplementari għandu jeħtieġ ratifika. L-għodda tar-ratifika għandhom jiġu depożitati mal-Gvern tal-Lussemburgu, bħala depożitarju ta' l-Istatut ta' l-Iskola Ewropea. Dan il-Gvern għandhu jgħarraf lill-Gvernijiet firmatarji l-oħra bid-depożitu.

Il-Protokoll supplementari għandu jidħol fis-seħħ fil-jum li fih il-ħames għodda ta' ratifika tiġi depożitata.

Dan il-Protokoll Supplementari, mħejji f'verżjoni waħda oriġinali fl-ilsien Daniż, Olandiż, Ingliż, Franċiż, Ġermaniż u Taljan, is-sitt verżjonijiet awtentiċi indaqs, għandu jiġi depożitat fl-arkivji tal-Gvern tal-Lussemburgu, li tiegħu għandu jittrasmetti kopja ċertifikata lil kull wieħed mill-Gvernijiet Firmatarji.

# 3. PROTOKOLL DWAR L-APPLIKAZZJONI PROVIŻORJA TAL-PROTOKOLL SUPPLEMENTARI GĦALL-PROTOKOLL TAT-13 TA'APRIL 1962 DWAR IT-TWAQQIF TA' L-ISKEJJEL EWROPEJ

Il-Partijiet Kontraenti tal-Protokoll Supplemenatri għall-Protokoll tat-13 ta' April 1962 dwar it-twaqqif ta' l-Iskejjel Ewropej, iffirmat fil-Lussemburgu fil-15 ta' Diċembru 1975,

irrappreżentati b'mod xieraq minn:

Is-sur J.DESCHAMPS, Ambaxxatur tal-Belġju għall-Lussemburgu;

Is-sur K.V.SKJØDT, Direttur, Uffiċċju Daniż tad-Digriet;

Is-sur Peter HERMES, Segretarju ta' l-Istat, Ministeru Federali ta' l-Affarijiet Barranin;

Is-sur Mr Emile CAZIMAJOU, Ministru Plenipotenzjarju, Deputat Rappreżentant Permanenti;

Is-sur John BRUTON, Segretarju Parlamentari, Ministeru ta' l-Industrija u Kummerċ;

Is-sur F.CATTANEI, Segretarju ta' l-Istat, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin;

Is-sur Marcel MART, Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi, Ditti Żgħar u Negozjanti u Turiżmu;

Is-sur Th.M.HAZEKAMP, Segretarju ta' l-Istat, Ministeru ta' l-Affarijiet Ekonomiċi;

Lord GORONWY-ROBERTS, Deputat Segretarju ta' l-Istat għall-Affarijiet Barranin u tal-*Commonwealth*, Deputat Mexxej tal-*House of Lords*;

WARA LI KKUNSIDRAW l-Istatut ta' l-Iskola Ewropea, iffirmat fil-Lussemburgu fit-12 ta'April 1957, u l-Anness għall-Istatut ta' l-Iskola Ewropea li jippreskrivi r-Regolamenti għal-Lawrija Ewropea fl-Arti, iffirmat fil-Lussemburgu fil-15 ta' Lulju 1957;

WARA LI KKUNSIDRAW il-Protokoll dwar it-twaqqif ta' l-Iskejjel Ewropej, iffirmat fil-Lussemburgu fit-13 ta' April 1962,

BILLI JIXTIEQU jiżguraw sa fejn hu raġonevolment possibbli li l-applikazzjoni ta' tad-dispożizzjonijiet

tal-Protokoll Supplementari ssir minnufih, sakemm jidħol fis-seħħ kif provdut fl-Artikolu 5 tal-Protokoll Supplementari msemmi,

FTIEHMU kif ġej:

**Artikolu waħdieni**

Il-Protokoll Supplementari tat-13 ta'April 1962 dwar it-Twaqqif ta' l-Iskejjel Ewropej b'riferiment għall-Istatut ta' l-Iskola Ewropea u għall-imsemmi Protokoll għandu jkun proviżorjament applikabbli mid-data tal-firma, sa fejn il-kostrituzzjonijiet u l-liġijiet tal-partijiet kontraenti hekk jippermettu.